DCBead® Irinotecan
Additional information for loading DC Bead with Irinotecan

CN000164.1

**MT**

**Aktar Informazzjoni Għall-Ikkargar ta' Irinotecan tad-DC Bead®**

**DESKRIZZJONI:**
Meta jiġu kkargati bl-irinotecan, id-DC Bead jiċkienu ftit , sa 30% tad-daqs meta jiġu kkargati f'50mg/ml.

**INDIKAZZJONIJIET:**
Id-DC Bead huma intiżi sabiex jiġu kkargati bl-irinotecan għal dawn l-għanijiet:
• L-embolizzazzjoni tal-vażi (vini jew arterji) tad-demm li jissuplixxu lit-tumur kolorektali malinn li jinfirex sal-fwied (mCRC)
• Biex tingħata doża sħiħa lokali u kkontrollata ta' irinotecan lill-mCRC.

**KONTRAINDIKAZZJONIJIET – IRINOTECAN:**
Ara l-fuljett fil-pakkett ta' irinotecan fejn jingħataw kontraindikazzjonijiet dwar l-użu.

**ATTENZJONI:**
Biż-żieda ta' taħlita ta' kuntrast/ilma mal-beads li jiġu kkargati, xi ftit tal-irinotecan jispiċċa maħsul. L-irinotecan jista' jiġi amministrat bħala bolus (injezzjoni jew pillola) bejn 10-20mg.

Jekk id-doża kkargata ta' irinotecan taqbeż 50mg ma' kull 1ml tad-DC Bead, din tista' tikkaġuna tifrix sistematiku ta' irinotecan u wkoll effetti oħra sekondarji.

Tużax beads ikkargati bl-irinotecan ma' aġenti oħra ta' kuntrast li fihom salina (bħal kloridju tal-kalċju)

**STRUZZJONIJIET BIEX TIĠI KKARGATA L-MEDIĊINA:**
Id-DC Bead huma adatti biex tiġi kkargata s-Soluzzjoni irinotecan (20mg/ml) BISS.

Biex jinkiseb ikkargar finali ta' 100 mg ta' irinotecan għal kull vjala ta' 2ml ta' DC Bead.
i. Neħħi kemm jista' jkun possibbli salina minn ġol-vjala ta' DC Bead permezz ta' siringa b'labra ta' gejġ żgħir..
ii. Permezz ta' siringa u labra, żid il-5ml tas-soluzzjoni irinotecan direttament għal ġol-vjala tad-DC Bead.
iii. Ħawwad it-taħlita tad-DC Bead / irinotecan bil-galbu biex tinkoraġġixxi t-taħlit u wara ħalliha toqgħod.
Il-beads isiru b'kulur turkważ waqt il-proċess tal-ikkargar.
iv. L-ikkargar jieħu minimu ta' sagħtejn għad-daqsijiet kollha ta' DC Bead.
v. Qabel l-użu, ittrasferixxi d-DC Bead ikkargati bl-irinotecan f'siringa u żid l-istess volum ta' medja mhux jonika ta' kuntrast. Aqleb is-siringa bil-galbu biex tikseb sospensjoni ugwali ta' DC Bead.
vi. Doża sa 50mg irinotecan għal kull ml DC Bead tista' tiġi kkargata.
vii. Id-doża totali massima rrakkomandata ta' irinotecan għal kull proċedura hi ta' 200mg.

**KIF TAĦŻEN IL-MEDIĊINA TAD-D-DC BEAD IKKARGATI:**
Id-DC Bead ikkargati bl-irinotecan jistgħu jiġu maħżuna sa 24 siegħa ġewwa friġġ, f'temperatura ta' bejn 2-8℃ jew 4 sig ħat f'temperatura ta' kamra normali fil-preżenza ta', jew mingħajr il-medja mhux jonika ta' kuntrast.

**STRUZZJONIJIET GĦALL-GĦOTI:**
Iddisponi għar-rimi kull DC Bead ikkargati bl-irinotecan li mhumiex użati.